KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 17

Is-sbatax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013 fis-7.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻATA** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 16_28/11/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.3 dwar it-talba għall-aktar WI-FI

*areas* f'Tas-Sliema u qal li għandha tiżdied il-frażi 'bla ħlas'. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill għandu jitlob il-pjanta flimkien ma lista ta' fejn ġew stallati *cabinets* fuq il-bankini mill-kumpanija GO ricentament.

1.3 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 16_28/11/2013 hekk kif korretti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 16_28/11/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' esperti dwar is-sitwazzjoni tal-Ġnien Bonello Dupuis. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lid-Direttur tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ma jistax jżomm il-*commitment* li jieħu ħsieb dan il-gnien waħdu għaliex m'hemmx fondi biżżejjed. *Ġnien Bonello Dupuis*

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-7.25pm*

2.2 Ġie diskuss ukoll li ser jitwaqqaf 'Tourism Board' mill-gvern centrali li fih ser ikun hemm raprezentanza tal-Kunsill Lokali. Fost affarijiet oħra, dan il-Bord ser jikowordina materji relatati mat-tindif u ambjent fil-lokalitajiet turistici.

2.3 Il-Kunsill ġie infurmat li se jsir l-ewwel smiegħ tal-appell dwar il-kuntratt tal-iskart nhar it-Tnejn. *Kuntratt tal-iskart - Appell*

2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar it-tabelli fuq il-*promenade* dwar projibizzjoni tal-użu tar-roti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jkun qiegħed jgħaddi l-*wording* skont kif tindika l-liġi b'email lil-Kunsilliera M. Bruguglio, L. Cassar Shaw u P. Radmilli għal kjarifika. B'hekk ikunu jistgħu jitwaħħlu tabelli aktar ċari. *Tabelli – Użu tar-roti fit-toroq/promenade*

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Triq San Nikola biex tiġi 'one way'. Din se tiġi diskussa fil-Kumitat tat-Traffiku. Is-Segretarju hawn fakkar li-TM diga ma accettatx din il-proposta. *Triq San Nikola*

2.6 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar l-*underwater survey*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħol ġie ordnat. *Underwater Survey*

2.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.20 dwar it-Tiżjin tal-Milied u informa li l-area ta' San Girgor hija mitfija. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet ukoll li l-areas li armaw il-baned ma kienx ta' livell għoli u seta ġie armat ħafna aħjar. Il-Kunsillier P. Portelli qal li fil-bidu l-Kunsill kellu intenzjoni differenti li jibda jixtri l-materjal għat-tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill ma setax jiddeċiedi fuq l-offerti li ntefgħu u b'hekk kellu jerġa jsejjaħ talbiet ta' kwotazzjoni u għall tender għall-tiżjin u l-ħin kien aktar limitat. Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Kunsillier P. Portelli qalu li importanti li s-sena d-dieħla naħsbu ħafna aktar kmieni. *Tizjin tal-Milied*

2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu bżonn li *jkollu good value for money*. Is-Sindku qal li l-fustun mhux ta' standard għoli. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa qara għall-attenzjoni tal-Kunsill l-*specifications* tal-kwotazzjonijiet li ntalbu mill-Kunsill.

2.9 Ġie diskuss dwar kif se jitħallsu l-baned u fejn ma ġiex armat skont it-tender jitnaqqas mil-kont. Il-Viċi Sindku qal li l-baned armaw tard ukoll. Ġie diskuss ukoll jekk il-*Contract Manager* għandux jintbagħat ikejjel biex il-Kunsill ikun jista jqabel mat-talbiet tiegħu.

2.10 Il-Kunsill qabel li għandu juri lil baned li ma kienx kuntent bis-servizz li ingħata għall-flus li ntalbu u li ma mxewx mal-kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku ippropona li dawn għandhom jitħallsu pro-rata tax-xogħol li għamlu. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi taqbel li l-Kunsill għandu jinfurmhom li mhumiex kuntenti bis-servizz.

2.11 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li fin-nuqqas li ma jilħqux l-ispecifications tal-kwotazzjoni, li tinkludi wkoll il-mitt metru, fi żmien 48 siegħa dawn jitħallsu pro-rata u skont kif jiġu kalkulati mill-inġinjier. Il-Kunsillier J. Pillow żied jgħid li importanti li l-bozzoz jinxtgħelu kollha.

2.12 Il-Kunsill qabel li jħallas il-konsum tad-dawl għall-attivita *Christmas Village* li se tiġi organizzata minn Tas-*Sliema Business Community* flimkien mal-Kunsill Lokali.

2.13 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*Christmas decorations* li nxtraw qegħdin ix-Xatt.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sar ix-xogħol fi Triq Rudolfu u l-kont li ġie ppreżentat mil-kuntrattur huwa madwar Ewro 47, 000. Kien hemm qbil li jekk dan jiġi ċċertifikat mil-perit dan ikun jista jitħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv talab ukoll jekk il-Kunsill issibx oġġezzjoni li jekk ikun meħtieġ jitħallsu uħud mil-kontijiet tas-servizz (eż. Attivita tal-Milied fi Triq Bisazza) u xogħol ieħor li jkun sar minħabba li għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jkun hemm perjodu itwal. Kien hemm qbil dwar dan.

3.2 Il-Viċi Sindku irrefera għal kontijiet tal-Mica Med dwar id-dawl u qal li f'sena u nofs għadu ma sar xejn biex jinhareg tender gdid. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din issemiet kemm il-darba fil-Kunsill u l-Kunsill ma jista jieħu l-ebda deċiżjoni għaliex meta dan il-każ ġie riferut lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dawn infurmaw li eventwalment il-bozoz se jaqaw taħt ir-reġjuni. B'hekk il-Kunsill ma jistax preżentament joħroġ minn dan il-kumitat konġunt u jsejjaħ għall-offerti ġodda. *Tender tad-dwal fit-toroq*

3.3 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa liema kuntratti jieħu ħsieb il-*contracts manager* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera, filwaqt li qal li għandu jibgħat lil kulħadd b'email kopja tal-kuntratt tal-Contract Manager fejn huma mnizzlin dawn il-kuntratti.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont tal-MMDNA. Ġie spjegat li dak huwa għas-servizz ta' *nurse* meta l-Kunsill kien ta' l-injection tal-influwenza.

3.5 Is-Sindku propona li jiġu approvati il-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier P. Portelli informa li jidher li għal ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill tal-Milied, il-Kunsill ġie *break even* peress li kien hemm numru ta' riklami. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li nbiddel id-diżinn u ntużat karta riċiklata. *Magazine tal-Kunsill*

4.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina ipproponiet li jsir xi tip ta' monument f'ġieħ Is-Sur Lino Grech li għadu kif miet ftit ta' ġimgħat ilu. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li bħala Slimiż li ta' kontribut siewi għandu jkollu monument/skultura jew xi ħaġa simili kif hemm fi Triq Bisazza ta' tlett artisti. Is-Sindku qabel ma dan il-ħsieb u jemmen li huwa xieraq li jkollna tifkira u jemmen ukoll li jista jkun hemm persuni aktar. Is-Sindku ppropona li tittella f'seduta bħala agenda item fejn il-Kunsill jistabillixxi regoli u l-Kunsill jimxi minn hemm. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa wkoll li għandu jitwaqqaf kumitat u jinfetaħ għall-familjari u wara l-proposti jitressqu Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li l-Kunsill għandu jinvolvi wkoll nies esperti f'dan il-qasam. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti. *Tifkira f'ġieħ Lino Grech*

*Il-Viċi Sindku ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.20pm*

4.3 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bżonn li l-paġna tal-*facebook* tintuża b'mod aħjar.

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ipproponiet li Triq Stella Maris ssir tabella no right turn. Triq it-Torri (ma'Tower Palace). Is-Sindku qal li preżentament aħjar ma ssir minħabba xogħlijiet li se jkunhemm u dik l-area se tkun magħluqa waqt il-gurnata minhabba bini ta' appartamenti li ser jbida daqt. Is-Sindku jissuġġerixxi biex isiru directional signs għall biex jidħlu għal Triq Windsor u Sir Luigi Camilleri. *Triq Stella Maris*

5.2 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li qiegħed ikun hemm diversi talbiet minn uħud mil-Kunsilliera għal tibdil fil ġurnata għall-laqgħa tal-Kunsill minħabba *commitments* oħra. Il-Kunsillier Briguglio issuġġerixxa li l-laqgħat jibdew isiru fuq rotazzjoni kif ġej: Jannar l-aħħar Tnejn tax-xahar, Frar l-aħħar Tlieta tax-xahar, Marzu l-aħħar Erbgħa tax-xahar u April l-aħħar Ħamis tax-xahar. Għall-kumplament tax-xhur issegwi l-istess rotazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsillera preżenti. *Tibdil fil-ġurnata għall-laqgħa tal-Kunsill*

5.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet x'se jiġri mid-deċiżjoni li jkun ħa l-Kunsill minħabba li l-Kunsill irid joqgħod attent minn att finanzjarju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-deċiżjonjiet li ttieħdu qegħdin jitwettqu ftit

ftit.

5.4 Il-Kunsillier P. Portelli informa li fid-19 ta' Novembru 2013, deher artiklu li nqelbet *legal notice* tal-RPS u sa fejn jaf hu ma saritx reazzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill ġie infurmat li l-AKL se twaqqaf *working group* biex tiġi diskussa l-RPS. Il-Kunsillier P. Portelli ma jaqbilx mal-fatt li l-Kunsill għamel kollox kif suppost qabel ma din ġiet implentata, u b'daqqa ta' firma tindibbel il-*legal notice*. Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb lill-Ministru Mizzi u daqt ghandu jkollna laqgha mieghu. Il-Kunsillier P. Portelli qal li din hija deskriminzzjoni fuq ir-resident Slimiz.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1 Il-laqgħa ntemmet fid-21.00 u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 27/01/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**